IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.1.2021
COM(2021) 21 final

2021/0009 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2014/41/UE, fir-rigward tal-allinjament tagħha mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* personali

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Id-Direttiva (UE) 2016/680[1] (id-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-*Data* - LED) daħlet fis-seħħ fis-6 ta' Mejju 2016 u l-Istati Membru kellhom sas-6 ta' Mejju 2018 biex jittrasponuha fil-liġi nazzjonali. Hija ħassret u ssostitwiet id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI[2], iżda hija strument ferm aktar komprensiv u ġenerali għall-protezzjoni tad-*data*. Barra minn hekk, hija tapplika għall-ipproċessar domestiku kif ukoll għall-ipproċessar transfruntier tad-*data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, inkluż is-salvagwardja kontra u l-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà pubblika (l-Artikolu 1(1)).

L-Artikolu 62(6) tal-LED jirrikjedi li sas-6 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni tirrieżamina atti legali tal-UE oħra li jirregolaw l-ipproċessar tad-*data* personali tal-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, sabiex tevalwa l-ħtieġa li tallinjahom mal-LED u tagħmel, fejn adatt, proposti biex temendahom biex tiżgura konsistenza fil-protezzjoni tad-*data* personali fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-LED.

Il-Kummissjoni stabbiliet ir-riżultati tar-rieżami tagħha f'Komunikazzjoni dwar *it-triq 'il quddiem biex jiġi allinjat dak li kien l-acquis tat-tielet pilastru mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data* (24 ta' Ġunju 2020)[3], li tispeċifika għaxar atti legali li jenħtieġ li jiġu allinjati mal-LED u skeda ta' żmien biex isir dan. Il-lista tinkludi d-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali[4]. Il-Kummissjoni indikat li kienet se tressaq emendi mmirati għal dik id-Direttiva fl-aħħar kwart tal-2020; li huwa l-għan ta' din il-proposta.

Din l-inizjattiva mhijiex parti mill-programm dwar l-idoneità tar-regolamentazzjoni (REFIT).

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-proposta għandha l-għan li tallinja r-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* fid-Direttiva 2014/41/UE mal-prinċipji u r-regoli stabbiliti fl-LED, sabiex tipprovdi qafas b'saħħtu u koerenti għall-protezzjoni tad-*data* fl-Unjoni.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

mhux applikabbli

---

[1] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

[2] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' *data* personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali (ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60).

[3] COM(2020) 262 final.

[4] ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 16(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

L-att oriġinali kien ibbażat fuq l-ex Artikolu 34(2)(b) tat-Trattat preċedenti dwar l-Unjoni Ewropea, li jikkorrispondi għall-Artikolu 82(1) tat-TFUE. Madankollu, kemm l-objettiv kif ukoll is-sustanza tal-emenda proposta huma limitati b'mod ċar għall-protezzjoni tad-*data* personali.

F'dan ir-rigward, l-Artikolu 16(2) tat-TFUE huwa l-aktar bażi ġuridika xierqa. Dan jippermetti l-adozzjoni ta' regoli dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali mill-Istati Membri meta jwettqu attivitajiet skont id-dritt tal-Unjoni u r-regoli dwar il-moviment liberu tad-*data* personali.

Skont l-Artikolu 2a tal-Protokoll Nru 22, id-Danimarka mhix marbuta bir-regoli stabbiliti abbażi tal-Artikolu 16 tat-TFUE li huma relatati mal-ipproċessar tad-*data* personali meta jwettqu l-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu 4 jew 5 tat-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-TFUE. L-istess japplika għall-Irlanda skont l-Artikolu 6a tal-Protokoll Nru 21.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-Unjoni biss tista' tadotta att leġiżlattiv li jemenda d-Direttiva 2014/41/UE.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija limitata għal dak li huwa meħtieġ biex id-Direttiva 2014/41/UE tiġi allinjata mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali (b'mod partikolari l-LED) mingħajr ma jinbidel bl-ebda mod il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi mixtieqa, skont l-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

- **Għażla tal-istrument**

Biex tiġi emendata d-Direttiva 2014/41/UE, l-istrument l-aktar xieraq huwa direttiva.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Din il-proposta ssegwi r-riżultati tar-rieżami tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 62(6) tal-LED, kif ippreżentati fil-Komunikazzjoni dwar *it-triq 'il quddiem biex jiġi allinjat dak li kien l-acquis tat-tielet pilastru mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data*. Dik il-Komunikazzjoni telenka punti li dwarhom huwa meħtieġ l-allinjament. B'mod partikolari, hija tidentifika l-ħtieġa li jiġi ċċarat li kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali skont id-Direttiva 2014/41/UE huwa soġġett jew għal-LED inkella għar-Regolament (UE) 2016/679[5] (ir-Regolament

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali

Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* – GDPR), skont jekk dan isirx fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali jew mhux kriminali. Jenħtieġ li l-allinjament jiċċara li d-*data* miksuba skont id-Direttiva 2014/41/UE tista' tiġi pproċessata għal finijiet għajr dawk li għalihom tingħabar, biss skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-LED (l-Artikoli 4 (2) jew 9 (1)) jew il-GDPR (l-Artikolu 6).

Billi tipproponi t-tħassir tal-Artikolu 20 tad-Direttiva 2014/41/UE, din il-proposta hija limitata għal dak li huwa meħtieġ biex jiġu indirizzati l-punti ta' hawn fuq.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

mhux applikabbli

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Fir-rieżami tagħha, il-Kummissjoni qieset studju mwettaq bħala parti mill-proġett pilota dwar "rieżami tad-drittijiet fundamentali tal-istrumenti u l-programmi tal-UE għall-ġbir tad-*data*"[6]. L-istudju mmappja l-atti tal-Unjoni koperti mill-Artikolu 62(6) tal-LED u identifika dispożizzjonijiet li potenzjalment jeħtieġu allinjament dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-*data*.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-impatt ta' din il-proposta huwa limitat għall-ipproċessar tad-*data* personali tal-awtoritajiet kompetenti f'każijiet speċifiċi regolati mid-Direttiva 2014/41/UE. L-impatt tal-obbligi l-ġodda li jirriżultaw mil-LED ġie vvalutat fil-kuntest tal-ħidma preparatorja għal-LED. Valutazzjoni tal-impatt speċifika għal din il-proposta hi għalhekk mhux meħtieġa.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali huwa stabbilit fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 16 tat-TFUE. Kif enfasizzat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[7], id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali mhuwiex assolut, iżda jrid jiġi kkunsidrat f'relazzjoni mal-funzjoni tiegħu fis-soċjetà[8]. Il-protezzjoni tad-*data* hi

---

data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

6 Il-proġett pilota ġie mitlub mill-Parlament Ewropew, ġestit mill-Kummissjoni u mwettaq minn kuntrattur (grupp ta' esperti indipendenti). Il-Kummissjoni għażlet il-kuntrattur abbażi tal-kriterji stabbiliti mill-Parlament. Ir-riżultati tanġibbli tal-proġett jirriflettu l-fehmiet u l-opinjonijiet tal-kuntrattur biss, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fih. Ir-riżultati huma ppubblikati fuq http://www.fondazionebrodolini.it/en/projects/pilot-project-fundamental-rights-review-eu-data-collectioninstruments-and-programmes

7 QĠUE, 9 ta' Novembru 2010, *Volker und Markus Schecke* u *Eifert,* Kawżi Magħquda C-92/09 u C-93/09 (ECLI:EU:C:2009:284, par. 48).

8 F'konformità mal-Artikolu 52(1) tal-Karta, l-eżerċizzju tad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* jista' jkun soġġett għal limitazzjonijiet previsti mil-liġi, li jirrispettaw l-essenza tad-dritt u l-libertajiet, u (soġġett għall-prinċipju tal-proporzjonalità) ikunu meħtieġa u ġenwinament jilħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

marbuta mill-qrib mar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, kif protett mill-Artikolu 7 tal-Karta.

Din il-proposta tiżgura li kwalunkwe pproċessar tad-*data* personali skont id-Direttiva 2014/41/UE huwa soġġett għall-prinċipji u r-regoli "orizzontali" tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*, b'hekk jiġi implimentat aktar l-Artikolu 8 tal-Karta. Dik il-leġiżlazzjoni għandha l-għan li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tad-*data* personali u tiċċara li l-prinċipji u r-regoli tad-Direttiva 2016/680 li japplikaw għall-ipproċessar tad-*data* skont id-Direttiva jkollhom impatt pożittiv fir-rigward tad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

mhux applikabbli

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

mhux applikabbli

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Din il-proposta ma teħtieġx dokumenti ta' spjegazzjoni dwar it-traspożizzjoni, peress li tinvolvi t-tħassir ta' artikolu wieħed tad-Direttiva 2014/41/UE.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 iħassar l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2014/41/UE. Billi tagħmel dan, din il-proposta hija limitata għal dak li huwa meħtieġ biex jiġu indirizzati l-punti ta' hawn fuq. L-Artikolu 20 jirrikjedi li kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali skont id-Direttiva jikkonforma mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI u l-prinċipji tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' *Data* Personali (28 ta' Jannar 1981) u l-Protokoll Addizzjonali tagħha.

L-LED ħassret id-Deċiżjoni Qafas b'effett mis-6 ta' Mejju 2018. Skont l-Artikolu 59 tal-LED, ir-referenzi għad-Deċiżjoni Qafas għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal-LED.

Skont l-Artikolu 2(1) tagħha, l-LED tapplika għall-ipproċessar tad-*data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1) tagħha, jiġifieri għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, inkluż is-salvagwardja kontra u l-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà pubblika. Madankollu, id-Direttiva 2014/41/UE tapplika wkoll għal ċerti tipi ta' proċedimenti *mhux kriminali* – dawn huma regolati mill-GDPR.

Il-fatt li l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2014/41/UE jirreferi għad-Deċiżjoni Qafas jista' jirriżulta f'konfużjoni dwar jekk l-LED tapplikax ukoll għall-ipproċessar ta' *data* personali relatat ma' ordnijiet ta' investigazzjoni Ewropej fil-kuntest ta' proċedimenti mhux kriminali (li *ma* jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-LED). It-tħassir tal-Artikolu 20 huwa biżżejjed biex jirrimedja din is-sitwazzjoni. L-LED tkompli tapplika għall-ipproċessar ta' *data* personali skont id-Direttiva 2014/41/UE fil-kamp tal-applikazzjoni tagħha.

Peress li l-LED u l-GDPR (kull wieħed fil-kamp tal-applikazzjoni tiegħu) japplikaw għall-ipproċessar tad-*data* personali skont id-Direttiva 2014/41/UE, l-ipproċessar ta' tali *data* għal finijiet għajr dawk li għalihom tinġabar se jitwettaq skont l-LED (l-Artikoli 4(2) u 9(1)) jew il-GDPR (l-Artikolu 6(4)). L-ebda dispożizzjoni ġdida ma hija meħtieġa għal dak il-għan.

L-Artikolu 20 tad-Direttiva 2014/41/UE jirrikjedi wkoll li l-aċċess għad-*data* personali jkun ristrett, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tas-suġġett tad-*data*, u li persuni awtorizzati biss ikollhom aċċess għal tali *data*. L-LED u l-GDPR jistabbilixxu qafas komprensiv dwar id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* u l-obbligi tal-kontrollur tad-*data*, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku, u s-sigurtà tal-ipproċessar. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 20 huwa għalhekk żejjed.

Peress li d-Direttiva 2014/41/UE ma fihiex regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-*data*, ma hi meħtieġa l-ebda emenda oħra relatata mal-protezzjoni tad-*data*.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi l-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva l-ġdida proposta.

L-Artikolu 3 jistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

L-Artikolu 4 jipprovdi li din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

2021/0009 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2014/41/UE, fir-rigward tal-allinjament tagħha mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* personali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 62(6) tad-Direttiva (UE) 2016/680[1], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina atti oħra tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw l-ipproċessar tad-*data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet stipulati fl-Artikolu 1(1) ta' dik id-Direttiva, sabiex tevalwa l-ħtieġa li tallinja dawk l-atti ma' dik id-Direttiva u tagħmel, fejn adatt, il-proposti meħtieġa sabiex temenda dawk l-atti biex tiżgura approċċ konsistenti għall-protezzjoni tad-*data* personali fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva. Dak ir-rieżami wassal għall-identifikazzjoni tad-Direttiva 2014/41/UE[2] bħala waħda minn dawk l-atti l-oħra li għandhom jiġu emendati.

(2) Fl-interess tal-konsistenza u l-protezzjoni effettiva tad-*data* personali, jenħtieġ li l-ipproċessar tad-*data* personali skont id-Direttiva 2014/41/UE jirrispetta r-regoli stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2016/680, fejn applikabbli. Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2016/679[3] japplika għall-ipproċessar tad-*data* personali relatata mal-proċedimenti kif imsemmi fl-Artikolu 4, punti (b), (c) u (d) tad-Direttiva 2014/41/UE meta dawn ma jkunux koperti mid-Direttiva (UE) 2016/680.

(3) F'konformità mal-Artikoli 1, 2 u 4(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix

[1] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

[2] Id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali (ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1).

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(4) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2014/41/UE tiġi emendata skont dan.

(6) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725[4] u ta l-opinjoni tiegħu fil-XX XXXX[5],

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 2014/41/UE

L-Artikolu 20 tad-Direttiva 2014/41/UE jitħassar.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [sena wara l-adozzjoni]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

[4] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill- istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

[5]